**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 156/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Keith Gravina**

Illum, 24 ta' Frar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Keith Gravina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 605681(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-13 ta' Awwissu 2019 u matul il-ġranet, ġimgħat u x-xhur qabel din id-data, ġewwa l-Belt Valletta u f'dawn il-Gżejjer, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 16 ta' Mejju 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dott. Audrey Demicoli LL.D, li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li jiffirma kuljum ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta bejn it-tmienja ta' filgħodu u s-sitta ta' filgħaxija u dan bi ksur tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi, il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio*' id-digriet tal-ħelsien mill-arrest u

tordna r-riarrest ta' l-imsemmi Keith Gravina, kif ukoll tordna is-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000) bħala depositu u garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Marzu 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Keith Gravina ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u kkundanatu għaxart ijiem priġunerija. Għall-fini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat illi z-zmien kollu li l-ħati ikun inżamm fil-ħabs għar-reat li tiegħu qed jinstab ħati, għandu jitqies bħala parti miż-zmien ta' priġunerija taħt u għall-fini tas-sentenza. *In oltre*, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati u ordnat illi tiġi kkonfiskata s-somma ta' tlett mitt Ewro mill-ammont stabbilit fid-digriet tas-16 ta' Mejju 2019 li bih il-ħati ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fil-11 ta' April 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iqanqal aggravju uniku marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' għaxart ijiem priġunerija u dan għalkemm fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell l-appellant jitlob ir-revoka *in toto* tas-sentenza appellata u li għalhekk ikun illiberat minn kull ħtija u piena. Jikkritika s-sentenza appellata li sabitu ħati li kiser id-digriet tal-ħelsien mill-arrest lilu konċess fi proċeduri separati fejn finalment huwa kien illiberat mill-akkużi dwar serq miġjuba fil-konfront tiegħu. Allura, fil-fehma tiegħu

jsegwi illi kellu jkun illiberat ukoll mill-imputazzjoni *de quo,* u li għalhekk il-kundanna li mponiet fuqu l-Ewwel Qorti kienet waħda frivola, vessatorja u sproporzjonata.

Illi huwa indubitat illi l-leġislatur ried joħloq reat ġdid meta fassal l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex kull min jażżarda jikser ordni ta' qorti fuqu imposta li tkun ikkonċedietlu il-ħelsien mill-arrest jiffaċċja s-sanzjoni tal-liġi. Dan ifisser illi r-reat li dwaru l-appellant kien mixli fil-preżenti istanza huwa reat *ad hoc*, u immaterjalment jekk hu kienx illiberat mill-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu fil-proċeduri penali fejn kien ġie lilu koness dan il-ħelsien mill-arrest, tista' tirriżulta r-reita' xortawaħda jekk tkun seħħet vjolazzjoni tad-digriet tal-Qorti. Fuq kollox l-appellant ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja dak minnu dikjarat fir-rikors ta'l-appell dwar il-proċeduri penali li kienu pendenti fil-konfront tiegħu u li minnhom jikkontendi li kien illiberat.

Illi fil-kaz *de quo*, ġie ampjament ippruvat li l-appellant kien marbut, permezz tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu nhar is-16 ta' Mejju 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati, illi jirrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, kuljum bejn it-tmienja ta' filgħodu u s-sitta ta' filgħaxija. Ġie ppruvat ukoll li l-appellant ripetutament kiser tali kundizzjoni mposta fuqu, u baqa' jikser l-ordni tal-qorti għalkemm l-Uffiċjal Prosekutur tah aktar minn ċans wieħed biex jikkonforma ruħu. Għalhekk ma hemm l-ebda dubbju li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih.

Illi stabbilit illi l-Ewwel Qorti setgħat legalment u raġjonevolment issib ħtija fl-appellant jifdal biex jiġi kkunsidrat jekk l-*quantum* tal-piena mposta fuq l-appellant kenitx waħda sproporzjonata, kif qed jilmenta. Jiġi mfakkar li ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-

piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1] .

Illi fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat u allura fit-13 ta' Awwissu 2019 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, il-piena ikkontemplata għal ksur imfassal fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali kienet dik tal-multa u/jew priġunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur u dan kif stabbilit bl-emendi li kienu introdotti għall-artikolu 579 permezz tal-Att VIII tal-2015. Illum il-piena żdiedet għal dik tal-priġunerija bejn erba' xhur sa sentejn jew/u l-multa, għalkemm il-konfiska tal-garanzija fl-intier tagħha ma għadhiex tassattiva.

Illi dan ifisser illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda li taqa' fil-parametri taż-żmien temporali tal-kummissjoni tar-reat, bl-Ewwel Qorti imbagħad tgħaddi biex tikkonfiska parti biss mill-garanzija u dan stante illi applikat il-liġi l-aktar favorevoli għall-appellant, ukoll in linja ma' dak deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fir-rigward, b'sentenza tas-26 ta' Ottubru 2021. Għalhekk, huwa ċar li l-piena mposta fuq l-appellant kienet waħda baxxa li tqarreb lejn il-minimu assolut u ma tista' qatt titqies bħala waħda "*manifestly excessive*", iktar u iktar meta, kif qieset ben tajjeb l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-appellant naqas milli jobdi d-digriet tas-16 ta' Mejju 2019 f'mhux anqas minn 31 okkazzjoni fejn jew ma kienx jirapporta l-għassa tal-pulizija jew inkella kien jirrapporta tardivament. Jekk dehrlu li din il-kundizzjoni kienet wisq oneruża għalih allura messu adixxa lil Qorti fejn kien jitlob varjazzjoni ta' din il-kundizzjoni, ħaġa li l-appellant jidher qatt ma għamel.

Issa fir-rigward tal-konfiska ta' parti mill-garanzija fl-ammont €300 hekk kif deċiż mill-Ewwel Qorti, minn daqqa t'għajn lejn il-fedina penali aġġornata tal-appellant ippreżentata quddiem din il-Qorti jidher illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-06 ta' Diċembru 2019, huwa kien misjub ħati għal darb'oħra li kiser id-digriet tal-ħelsien mill-arrest mertu ta' dawn il-proċeduri, għall-istess motivi, fejn dik il-Qorti kienet ordnat il-konfiska tal-garanzija fl-ammont ta' €3000 *in toto*. Dan ifisser illi l-

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Ewwel Qorti allura ma setatx tgħaddi għal konfiska mill-ġdid ġaldarba dan l-ammont stabbilit fid-digriet kien diġa' soġġett għal konfiska.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant kien misjub ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, tikkonfermaha fejn kien ikkundannat il-piena ta' għaxart ijiem priġunerija, u tikkonfermaha ukoll fejn l-Ewwel Qorti ċaħħdet it-talba għar-ri-arrest tal-appellat, iżda tirrevokaha fejn kienet ordnata il-konfiska tal-garanzija fis-somma ta' €300.**

**Edwina Grima**
**Imhallef**